

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.6904 – Yamaha/KYB/KYB Motorcycle Suspension JV)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2013/C 151/12)

1. Fl-24 ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Yamaha Motor Co., Ltd, ("Yamaha", il-Ġappun) u Kayaba Industry Co., Ltd, ("KYB", il-Ġappun), jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-impriża KYB Motorcycle Suspension Co., Ltd, ("JV", il-Ġappun) permezz ta' xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
 - għal Yamaha: il-manifattura u l-fornitura ta' motoċikletti, scooters, biċikletti li jaħdmu assistiti bl-elettriku, dgħajjes, dgħajjes bil-qluġ, biċċiet tal-baħar personali, pixxini, dgħajjes ta' utilità, dgħajjes għas-sajd, muturi outboard għad-dgħajjes, ATVs b'erba' roti, vetturi side-by-side, magni għar-racing kart, vetturi għall-golf, magni għal finijiet differenti, ġeneraturi, pompi tal-ilma, snowmobiles, makkinarju ta' daqs żgħir biex ineħħi s-silġ, magni għall-karozzi, surface mounters, makkinarju intelliġenti, elikopter bla bdot għal użu industrijali, unitajiet tal-elettriku għas-siġġijiet bir-roti u għall-elmi,
 - għal KYB: il-manifattura u l-fornitura ta' sistemi ta' sospensjoni attivi għal applikazzjonijiet differenti, inklużi għal vetturi bil-mutur (shock), motoċikletti u ferroviji, kif ukoll tagħmir idrawliku għal vetturi bil-mutur, applikazzjonijiet għall-inġenji tal-ajru u industrijali.
3. KYB Motorcycle Suspension Co., Ltd se tkun attiva fil-produzzjoni u fil-bejgħ tat-tagħmir ta' sospensjoni għall-motoċikletti (inkluż, sa ċertu limitu biss, vetturi għal kull tip ta' art u snowmobiles) u l-apparati, il-partijiet u l-aċċessorji relatati ma' tali tagħmir. L-impriża konġunta (JV) se tkun primarjament attiva fl-Asja u huwa mistenni li jkollha bejgħ limitat ħafna fiż-ŻEE.
4. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni Ewropea ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament dwar l-Għaqdiet⁽²⁾, ta' min wieħed jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.
5. Il-Kummissjoni Ewropea tistieden lill-partijiet terzi interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni Ewropea.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6904 – Yamaha/KYB/KYB Motorcycle Suspension JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").